# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 21 ta’ Frar 2001**

**Avviz. numru 601/96**

**Numru 26**

**Antida Debono**

**vs**

**International Trading Company Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex is-socjeta’ konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas lill-istess attrici s-somma ta’ tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm310) bhala prezz li gie mhallas fuq washing machine Zanker minn ghand is-socjeta konvenuta liema washing machine ghandha hsara “beyond repair” u ghalhekk ma tistax tibqa tintuza u li din il-hsara saritilha fi zmien il-garanzija moghtjia mis-socjeta konvenuta. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes. Is-socjeta’ konvenuta giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (a fol 6 tal-atti) li biha eccepiet:

1) Illi wara li l-attrici xtrat il-washing machine Zanker minghand is-socjeta' konvenuta, haddmitha diversi drabi minghajr hsara. Sussegwentement, din il-magna kellha xi hsara u wara li giet mehuda fil-workshop, giet imsewwija b'success mis-socjeta' konvenuta. b'mod li llum din il-magna hija "in perfect working order".

2) Illi l-attrici tippretendi magna tal-hasil gdida minflok dik li ghandha, izda din it-talba ma tistax tigi accettata.

3) Illi s-socjeta' eccipjenti tissuggerixxi, minghajr pregudizzju, li jitqabbad minnufih espert tekniku nominat mill-Qorti li ghandu jara l-magna tahdem. Jekk din hija "in perfect working order" kif qed jghidu l-eccipjenti, allura l-attrici ghandha taccetta l-magna tal-hasil mibjugha lilha. Jekk din tirrizulta lill-espert tekniku bhala difettuza, allura s-socjeta' konvenuta taghti lill-attrici magna tal-hasil gdida.

Rat id-digriet a fol 8 tal-atti li bih gie nominat espert tekniku William Cassar Torreggiani.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert tekniku a fol 22 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 52 u 53 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici (fol 31 et seq ibid) tikkontendi li matul Lulju 1995 hi kienet xtrat magna tal-hasil tal-marka “Suncare” ossija Zanker minghand is-socjeta’ konvenuta bil-prezz ta’ Lm310. Wara li skadew sitt xhur mill-akkwist, l-attrici tghid li l-istess magna tal-hasil bdiet tahdem hazin stante li “...... l-hwejjeg kienu qeghdin jispiccaw kollha bl-ilma”. Skond dejjem l-istess attrici jidher li s-socjeta konvenuta kienet, ghal diversi drabi, baghtet “technician” sabiex jsewwi l-istess magna. Inoltre certa Marselle Bonello kienet offriet li tirrimpjazzha b’magna tal-hasil ohra bl-attrici thallas xi differenza li jkun hemm fil-prezz. Pero jidher li, sadattant, il-magna tal-hasil involuta kienet giet riparata u b’hekk is-socjeta’ konvenuta rat li ma ghandhiex taghti ohra gdida lill-attrici (ara ukoll ix-xhieda ta’ Pauline Grixti, habiba tal-attrici, a fol 35 tal-istess atti).

Illi l-imsemmi “technician” Lawrence Grech (fol 49 et seq ibid) ma setax jiftakar xi fatt dwar il-kaz specifiku, tal-magna tal-hasil involuta.

Ikkunsidrat

Illi l-espert tekniku nominat fit-30 ta‘ Mejju 1997 zamm access fl-istabbiliment tas-socjeta konvenuta f'Blata l-Bajda (ara fol 29 tal-atti) u hawnhekk esamina l-istess magna tal-hasil. L-istess espert accerta ruhu dwar ix-xoghol li kien sar fuq din il-magna u ra li kien jikkonsisti biss f'tindif tal-filter li kellu hafna hmieg u ghandu jitnaddaf ta' spiss. Ghalhekk gie sottomess lill-Qorti li l-magna kienet tiffunzjona tajjeb anzi perfettament u kontrarjament ghal dak li allegat l-attrici ma kellha ebda hsara jew difett.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tistax tara kif tista' tigi akkolta it-talba attrici li a basi ta' xi difett latenti jew ta' xi nuqqas vis-a-vis il-kwalita' miftehma la a basi ta' garanzija li ma gietx esebita in atti u li dwarha ma ingiebet ebda prova.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

L Spiteri Bailey
Dep.Reg